IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2025
COM(2025) 28 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2022 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol ta' standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar xogħol bix-xift)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2022 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol ta' standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar xogħol bix-xift)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol ta' standby (Nru 495/77) u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jirrikjedu li l-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Kunsill dwar l-għadd ta' uffiċjali u ta' aġenti oħrajn f'kull kategorija li jirċievu l-allowances msemmija fir-Regolamenti rispettivi kif ukoll dwar in-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aħħar ċifri annwali kompluti li kienu disponibbli fi żmien it-tħejjija tiegħu u jirreferi għas-sena 2022. Ikopri l-istituzzjonijiet kollha[1]. Biex ikun komplut, dan ir-rapport fih ukoll l-istess tip ta' informazzjoni dwar l-użu tax-xogħol bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2. ALLOWANCE GĦAX-XOGĦOL TA' STANDBY

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-allowance huma l-Artikoli 55 u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif emendat.

Il-ħlas tal-allowance hu limitat għal uffiċjali u aġenti oħrajn

- imħallsin mill-approprjazzjonijiet operattivi u li jaħdmu:
  - fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Joint Research Centre, JRC), jew
  - f'azzjoni indiretta, jew
- imħallsin mill-approprjazzjonijiet operattivi u li jaħdmu:
  - fit-tmexxija jew is-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi,
  - f'dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà,
  - f'dipartiment tas-servizzi tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT),
  - f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew f'arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi, jew
  - f'mekkaniżmu mwaqqaf biex jipprovdi assistenza lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7") għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi jew għal servizzi li fihom teżisti n-neċessità li jwettqu kompiti sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu li jipprovdi assistenza lill-Istati Membri.

[1] Fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-allowance għax-xogħol ta' standby hija espressa f'punti. L-għadd ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol ta' standby reali huwa ffissat kif ġej:

– xogħol ta' standby mid-dar f'jum tax-xogħol: 2,15 punti;
– xogħol ta' standby mid-dar fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: 4,3 punti;
– xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol f'jum tax-xogħol: 11-il punt;
– xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 1,05 fl-2022).

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2022.

2.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u kuntrattwali)

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	33	110	3	0	2	1	**149**
Il-Kummissjoni	141	274	47	16	39	11	**528**
- li minnhom tal-JRC:	*48*	*76*	*18*	*0*	*4*	*7*	***153***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	16	18	1	0	0	0	**35**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	3	17	0	0	0	**20**
Il-KESE	0	2	0	0	1	0	**3**
Il-KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
L-SEAE	12	7	0	0	0	1	**20**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**202**	**417**	**68**	**16**	**43**	**13**	**759**

2.2. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol ta' standby

Istituzzjoni	Mid-dar	Mid-dar u mill-post tax-xogħol	Mill-post tax-xogħol	Total
Il-Parlament	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	149	0	0	**149**
Il-Kummissjoni	513	7	8	**528**
- li minnhom tal-JRC:	*140*	*5*	*8*	***153***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	35	0	0	**35**
Il-Qorti tal-Awdituri	20	0	0	**20**
Il-KESE	0	3	0	**3**
Il-KtR	0	4	0	**4**
L-SEAE	20	0	0	**20**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	**0**
Total	**737**	**14**	**8**	**759**

2.3. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol:

Istituzzjoni	JRC	Azzjoni indiretta	Installazzjonijiet tekniċi	Sikurezza/Sigurtà	ICT	PESK / PSDK	SM 24/7	Total
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	0	0	18	32	65	34	0	**149**
Il-Kummissjoni	153	2	65	129	117	0	62	**528**
- li minnhom tal-JRC:	*153*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***153***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	17	11	7	0	0	**35**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	20	0	0	0	**20**
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	**4**
L-SEAE	0	0	0	5	7	8	0	**20**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**153**	**2**	**100**	**204**	**196**	**42**	**62**	**759**

3. ALLOWANCE GĦAL KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-allowance huma l-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004. L-allowance tingħata bħala kumpens għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli li għandhom x'jaqsmu (i) mas-"sikurezza tal-individwu" (l-użu ta' ħwejjeġ speċjali u skomdi, il-protezzjoni parzjali) (ii) mal-"post tax-xogħol" (postijiet ristretti, storbjuži u perikoluži) u (iii) man-"natura tax-xogħol" (pereżempju l-ġarr ta' sustanzi korrużivi, ix-xogħol bi splussivi)[2].

L-allowance hija espressa f'termini ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettivament maħduma. L-għadd ta' punti jvarja bejn żewġ punti, pereżempju għal-livell medju ta' ħoss li jeċċedi 85 deċibel, u l-limitu massimu ta' 50 punt fil-każ ta' uffiċjal li jrid jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nar b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 1,05 fl-2022).

3.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u kuntrattwali)

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kummissjoni	23	107	15	2	5	12	**164**
- li minnhom tal-JRC:	*23*	*106*	*7*	*1*	*5*	*12*	***154***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-KESE	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-KtR	0	0	0	0	0	0	**0**
L-SEAE	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**23**	**107**	**15**	**2**	**5**	**12**	**164**

[2] L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004.

4. ALLOWANCE GĦAL XOGĦOL BIX-XIFT

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan din l-allowance huma l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif emendat.

Il-ħlas tal-allowance hu limitat għal uffiċjali u aġenti oħrajn

- imħallsin mill-approprjazzjonijiet operattivi u li jaħdmu:
  - ma' stabbiliment tal-JRC, jew
  - f'azzjoni indiretta, jew
- imħallsin mill-*approprjazzjonijiet operattivi* u li jaħdmu:
  - f'dipartiment tas-servizzi tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT),
  - f'dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà,
  - f'servizz ta' switchboard tat-telefowns/informazzjoni jew servizz ta' akkoljenza,
  - f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi,
  - f'servizz li jipprovdi appoġġ għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi, jew
  - fit-tmexxija jew is-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2022.

4.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u kuntrattwali)

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	2	87	589	9	21	1	**709**
Il-Kunsill	0	75	0	0	0	0	**75**
Il-Kummissjoni	1	115	14	16	31	1	**178**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*15*	*10*	*0*	*4*	*0*	***29***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	1	16	0	0	0	**17**
Il-KESE	0	2	0	0	1	0	**3**
Il-KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
L-SEAE	0	36	1	0	0	0	**37**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**3**	**319**	**620**	**25**	**54**	**2**	**1023**

Hemm erba' rati differenti previsti għall-allowance ta' kull xahar (iċ-ċifri tas-sena 2022):

– rata 1: xogħol li jinvolvi żewġ xiftijiet, minbarra tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi: EUR 471,12;

– rata 2: xogħol li jinvolvi żewġ xiftijiet, inkluż lejl wieħed, tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi: EUR 711,08;
– rata 3: 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi: EUR 777,48;
– rata 4: 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa: EUR 1059,95.

4.2. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull rata

Istituzzjoni	Rata 1	Rata 2	Rata 3	Rata 4	Total
	EUR 471,12	EUR 711,08	EUR 777,48	EUR 1059,95	
Il-Parlament	82	329	0	298	**709**
Il-Kunsill	33	0	0	42	**75**
Il-Kummissjoni	17	0	9	152	**178**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*0*	*9*	*20*	***29***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	**17**
Il-KESE	3	0	0	0	**3**
Il-KtR	4	0	0	0	**4**
L-SEAE	27	0	0	10	**37**
L-Ombudsman	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	**0**
Total	**166**	**329**	**9**	**519**	**1023**

4.3. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol:

Istituzzjoni	JRC	Il-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi	ICT	Sikurezza/Sigurtà	Switch board/ Akkoljenza	PESK/ PSDK	Installazzjonijiet tekniċi	Azzjoni indiretta	Total
Il-Parlament	0	0	0	644	34	0	31	0	**709**
Il-Kunsill	0	0	0	75	0	0	0	0	**75**
Il-Kummissjoni	29	26	12	111	0	0	0	0	**178**
- li minnhom tal-JRC:	*29*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***29***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	0	0	0	0	**17**
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	0	**4**
L-SEAE	0	0	17	10	0	10	0	0	**37**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**

L-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**29**	**26**	**29**	**864**	**34**	**10**	**31**	**0**	**1 023**

5. IS-SERVIZZI KKONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, iż-żewġ Kumitati u l-SEAE jużaw ix-xogħol ta' standby u/jew ix-xogħol bix-xift u jħallsu l-allowances previsti fil-leġiżlazzjoni.

Il-Kummissjoni għadha l-unika istituzzjoni li tħallas allowances għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli. Dawn l-allowances jitħallsu lill-benefiċjarji li jaħdmu fil-JRC, fl-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (Office for Infrastructure and Logistics in Brussels, OIB) u fid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DĠ ENER).

5.1. Raġunijiet għax-xogħol ta' standby

Il-Kunsill: Il-Kunsill ħallas l-allowances għax-xogħol ta' standby lil 149 membru tal-persunal tiegħu fl-2022 (98 fl-2021). Iż-żieda ta' madwar 50 % fil-benefiċjarji kienet dovuta għar-regolarizzazzjoni ta' servizz ta' standby li jkopri installazzjonijiet tekniċi u l-ħolqien ta' diversi timijiet ta' xogħol ta' standby biex ikunu jistgħu jwieġbu għal reazzjoni immedjata mitluba mill-President tal-Kunsill Ewropew, speċifikament barra l-ħinijiet tax-xogħol normali, minħabba s-sitwazzjoni politika diffiċli minn Frar 2022.

Is-servizz ta' standby huwa fis-seħħ biex ikopri l-oqsma li ġejjin: (i) It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), biex jiggarantixxi li n-networks tal-IT u tal-komunikazzjoni jiġu protetti u jiffunzjonaw tajjeb, jipprovdi appoġġ għal attivitajiet mhux previsti tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu u biex ikopri l-ħtiġijiet urġenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u s-Segretarjat Ġenerali f'termini tal-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE; (ii) Is-sikurezza u s-sigurtà, biex jirrispondi b'mod immedjat għal kull tip ta' inċident li jista' jaffettwa l-persunal tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-attivitajiet tas-Segretarjat Ġenerali, u biex jagħti appoġġ 24 siegħa kuljum lill-uffiċjali tas-sigurtà fuq missjoni; (iii) azzjoni rapida, biex jabbozza u jippubblika fuq l-internet u jiċċirkola dikjarazzjonijiet immedjati u urġenti mill-Istat Membru tal-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill u mill-President tal-Kunsill Ewropew fil-kuntest tal-PESK/PESD u biex jagħti appoġġ (loġistiku) għall-attivitajiet tal-President tal-Kunsill Ewropew u s-Segretarju Ġenerali fil-kuntest tal-politika esterna; (iv) Installazzjonijiet Tekniċi, biex jiżgura li l-okkupanti tal-bini jkunu jistgħu jaħdmu f'ambjent sikur, pjaċevoli u komdu u li l-kmamar u t-tagħmir tekniku meħtieġ jinżammu kif xieraq.

Fl-2022 ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq biss mid-dar.

Il-Kummissjoni: Fl-2022, il-Kummissjoni ħallset allowances għax-xogħol ta' standby lil 528 membru tal-persunal, li jirrappreżenta żieda ta' kważi 11 % apparagun tal-2021 (476 benefiċjarju). Din iż-żieda hija prinċipalment dovuta għal 20 u 19-il benefiċjarju żejda fid-DĠ HR u d-DĠ ECHO rispettivament. L-għadd ta' benefiċjarji fid-DĠ HR żdied minħabba żieda fl-għadd ta' postijiet allokati għas-servizz ta' protezzjoni mill-qrib sabiex tiġi ggarantita l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza u l-ħolqien ta' żewġ servizzi ta' xogħol ta' standby ġodda. L-ewwel servizz ġdid ta' standby jipprovdi sorveljanza teknika għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' theddid li jirriżulta minn spjunaġġ matul laqgħat sensittivi ta' livell għoli u t-tieni servizz jiżgura l-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (SUE) li tippermetti t-trattament ta' Informazzjoni Klassifikata tal-Unjoni Ewropea u t-trattament ta' inċidenti relatati ma' din is-sistema. L-għadd ta' benefiċjarji fid-DĠ ECHO żdied biex ikun jista' jkopri l-volum ogħla ta' xogħol fiċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza wara ż-żieda fir-responsabbiltajiet taċ-Ċentru u ż-żieda ġenerali fil-volum tax-xogħol minħabba l-evoluzzjoni tax-xenarju ta' emerġenza b'riskji ġodda.

21 % tal-benefiċjarji (153) jaħdmu f'wieħed miċ-Ċentri Konġunti tar-Riċerka tal-Kummissjoni. Il-maġġoranza tax-xogħol ta' standby tal-JRC jitwettaq mid-dar, bl-eċċezzjoni tal-JRC f'Ispra, fejn is-servizzi huma pprovduti fuq il-post tax-xogħol jew mid-dar minħabba n-natura speċifika tal-kompiti. L-OLAF huwa d-Direttorat Ġenerali l-ieħor fejn id-dmirijiet jitwettqu mill-post tax-xogħol jew mid-dar. Is-servizzi ta' standby li jifdal fil-Kummissjoni jitwettqu mid-dar.

Fid-Direttorati Ġenerali l-oħra tal-Kummissjoni, l-għadd ta' benefiċjarji żdied bi ftit għad-DĠ DIGIT (+6) minħabba sostituzzjonijiet ta' benefiċjarji li telqu. Għas-servizzi l-oħra s-sitwazzjoni hija kważi stabbli apparagun tal-2021.

Il-Qorti tal-Ġustizzja: Fl-2022, il-Qorti tal-Ġustizzja ħallset allowances għax-xogħol ta' standby mid-dar lil 35 membru tal-persunal tagħha (27 fl-2021). L-għadd ta' benefiċjarji żdied minħabba l-ħolqien ta' servizz ta' standby ġdid li jkopri l-qasam tal-ICT hekk kif il-kuntest internazzjonali żvela riskji akbar ta' attakki ċibernetiċi, li jirrikjedi monitoraġġ speċjali. Il-bqija tal-benefiċjarji jaħdmu fid-Direttorat għall-Bini u s-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni. L-unitajiet fejn jaħdmu l-benefiċjarji huma responsabbli mill-proġetti ta' żvilupp tal-Qorti u mill-ġestjoni tal-bini u tas-sigurtà.

Il-Qorti tal-Awdituri: L-ippjanar ta' kull xahar tas-Servizz ta' Sigurtà u Sikurezza fl-2022 kien jinkludi l-ħtieġa għal xogħol ta' standby mid-dar għal 20 membru tal-persunal (19 fl-2021). Huma jiżguraw is-sikurezza tal-bini u tal-okkupanti tiegħu, 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.

Il-KESE u l-KtR: Il-KESE u l-KtR għandhom is-servizz ta' standby fi ħdan is-servizz tas-sigurtà biex jiġi żgurat li l-persunal tas-sigurtà jkun aċċessibbli u kapaċi jirreaġixxi fi kwalunkwe ħin għal inċidenti li jeħtieġu intervent meta l-istituzzjoni tkun magħluqa. Fl-2022 is-servizz ta' standby (mid-dar u mill-post tax-xogħol) twettaq minn tliet membri tal-persunal tal-KESE (tnejn fl-2021) u minn erba' membri tal-persunal tal-KtR (l-istess bħal fl-2021).

L-SEAE: Fl-2022, l-SEAE ħallas l-allowances għax-xogħol ta' standby lil 20 membru tal-persunal tiegħu (22 fl-2021).

Is-servizzi ta' standby tal-SEAE jkopru tliet oqsma ta' ħidma: (i) is-servizzi tas-sigurtà, biex jipproteġu 24 siegħa kuljum il-persunal, il-viżitaturi, il-bini u l-proprjetà tal-SEAE fi Brussell u biex jipproteġu l-informazzjoni klassifikata fil-Kwartieri Ġenerali; (ii) l-appoġġ għall-PESK/PESD, biex jimmonitorjaw eventi madwar id-dinja 24 siegħa kuljum, jirrispondu għal kriżijiet, inċidenti, eventi kritiċi, sitwazzjonijiet jew emerġenzi speċifiċi, jagħtu appoġġ lir-Rappreżentant Għoli u lill-atturi tal-UE, jiffaċilitaw il-laqgħat ta' kriżi tal-SEAE barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol u jagħtu appoġġ lir-Riżorsi Umani u lis-Segretarju Ġenerali fil-kompiti operattivi tagħhom li jipproteġu s-sigurtà u l-interessi essenzjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha f'każ ta' theddida għas-sistema Galileo jew permezz tagħha; (iii) is-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni permezz tal-COMCEN (iċ-Ċentru tal-Komunikazzjoni) li jipprovdi servizzi għat-trażmissjoni ta' informazzjoni klassifikata lill-membri kollha tal-persunal tal-SEAE, filwaqt li jipprovdi wkoll servizzi lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fil-ġestjoni operattiva taċ-ċentru tas-sistema Ċentrali Cortesy u l-Punt ta' Preżenza tas-sistema Cortesy, u permezz tar-reġistru ċentrali tal-Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) li jiżgura r-reġistrazzjoni tad-dokumenti C-UE/EU-C u S-UE/EU-s.

5.2. Raġunijiet għall-użu ta' allowances għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

Il-Kummissjoni*:* Bħall-2021, il-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li għamlet użu minn din il-possibbiltà fl-2022. Ingħataw allowances lill-persunal li jaħdem għas-servizz ta' riproduzzjoni tal-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB), għad-DĠ ENER għall-ispezzjonijiet ta' installazzjonijiet f'siti nukleari, u għall-JRC. B'kollox, 164 benefiċjarju rċevew l-allowance fl-2022 (165 fl-2021). Għalhekk, l-għadd ta' benefiċjarji baqa' relattivament stabbli.

Fl-2022 l-għadd totali ta' sigħat li nħadmu f'kundizzjonijiet partikolarment diffiċli kienu kkategorizzati kif ġej:

- 32 752,00 siegħa (23 565,25 fl-2021) b'rabta mal-protezzjoni tal-individwu (pereżempju l-użu ta' lbies protettiv partikolarment skomdu);
- 61 073,75 siegħa (39 351,35 fl-2021) b'rabta mal-post tax-xogħol (pereżempju, il-livell għoli ta' storbju, il-postijiet perikoluż);
- 5 522,13 siegħa (4 819,58 fl-2021) b'rabta man-natura tax-xogħol (pereżempju, il-ġarr ta' sustanzi korrużivi);
- 0 sigħat (148,25 fl-2021) relatati mas-sikurezza tal-individwu u mal-post tax-xogħol.

L-għadd ta' sigħat żdied apparagun tal-2021, minħabba l-ftuħ mill-ġdid tal-laboratorji tal-JRC wara l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19. Madankollu, l-attivitajiet għadhom mhumiex lura għal-livell ta' qabel il-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19.

5.3. Raġunijiet għax-xogħol bix-xift

Il-Parlament Ewropew: Fl-2022, il-Parlament Ewropew ħallas allowances għal xogħol bix-xift biex ikopri (i) is-servizzi ta' sikurezza u sigurtà fi tliet postijiet tax-xogħol: Brussell,

Strasburgu u l-Lussemburgu; (ii) is-servizzi relatati mal-akkoljenza, mas-sigurtà u l-kontroll tal-viżitaturi (il-Parlamentarium, id-Dar tal-Istorja Ewropea u d-Dar Jean Monnet, iċ-Ċentru Sportiv) u l-komunikazzjoni permezz tas-Switchboard li toffri varjetà ta' servizzi b'diversi lingwi, bħat-trasferiment ta' sejħiet deħlin u ħerġin, l-għoti ta' informazzjoni ta' kuntatt (in-numri tat-telefown u tal-faks, il-posta elettronika u l-indirizzi tal-uffiċċju), l-informazzjoni dwar il-laqgħat u l-bini tal-Parlament Ewropew; (iii) is-servizzi ta' installazzjoni teknika biex jissorveljaw u jikkoordinaw il-forniturі esterni ta' manutenzjoni, b'mod partikolari barra l-ħinijiet normali tax-xogħol u biex jieħdu sehem fiż-żamma ta' ċertu tip ta' informazzjoni sensittiva, bħall-pjanijiet tal-Parlament.

Is-servizzi fis-seħħ huma: sistema b'żewġ xiftijiet (rata 1), sistema b'żewġ xiftijiet li jinkludu l-lejl, tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi (rata 2), jew servizz ta' 24 siegħa kuljum (rata 4). L-għadd ta' benefiċjarji fl-2022 żdied b'mod konsiderevoli (709 apparagun ta' 627 fl-2021). Din iż-żieda ta' 13 % hija dovuta għall-internalizzazzjoni tas-sigurtà fil-Lussemburgu.

Il-Kunsill: Il-Kunsill għandu fis-seħħ sistema ta' xogħol bix-xift biex jiżgura l-kontinwità tas-servizzi responsabbli mis-sikurezza u s-sigurtà tal-binjiet u tal-persuni. Kien hemm bidla żgħira (-4) fl-għadd ta' benefiċjarji meta mqabbla mal-2021 (75 apparagun ta' 79 fl-2021). Barra minn hekk, wara riorganizzazzjoni, tmien benefiċjarji nbidlu minn xogħol bix-xift taħt ir-rata 4 għar-rata 1 fit-30 ta' Mejju 2022. Dawn il-benefiċjarji huma inklużi fl-għadd ta' benefiċjarji (33) taħt ir-rata 1.

Il-Kummissjoni: Fil-Kummissjoni, id-DĠ HR (id-dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà), il-JRC (għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-natura tal-attivitajiet tiegħu) u d-DĠ ECHO (appoġġ għall-koordinazzjoni ta' emerġenza u ta' kriżi) qed jużaw prinċipalment is-servizzi ta' xogħol bix-xift (103, 29 u 26 benefiċjarju rispettivament fl-2022). Apparagun tal-2021, kien hemm żieda ta' benefiċjarji f'dawn it-tliet servizzi kollha. Fil-JRC l-għadd ta' benefiċjarji żdied b'żewġ benefiċjarji. Fid-DĠ ECHO l-għadd żdied b'erba' benefiċjarji biex ikun jista' jkopri l-volum ogħla ta' xogħol fiċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza wara ż-żieda fir-responsabbiltajiet taċ-Ċentru u ż-żieda ġenerali fil-volum tax-xogħol minħabba l-evoluzzjoni tax-xenarju ta' emerġenza b'riskji ġodda. Fid-DĠ HR kien hemm 21 benefiċjarju aktar, minħabba żieda fl-għadd ta' postijiet allokati għas-servizz ta' protezzjoni mill-qrib sabiex tiġi ggarantita l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza u l-ħolqien ta' servizzi ġdida ta' xogħol ta' standby biex tiġi żgurata l-preżenza ta' uffiċjali tas-sigurtà armati speċjalizzati interni.

Bħal fl-2021, fl-2022 ix-xogħol bix-xift twettaq ukoll f'żewġ Direttorati Ġenerali oħra fl-oqsma li ġejjin:

- Sigurtà u prevenzjoni: 8 (OIL);
- Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni: 12 (DĠ COMM; 14 fl-2021);

Il-Kummissjoni tapplika r-rati 1, 3 u 4, u r-rata 4 (is-servizz kontinwu) tintuża prinċipalment fis-servizzi ta' sigurtà, fil-JRC u fil-koordinazzjoni tal-emerġenzi u tal-kriżijiet.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-2022, l-uniku servizz ta' xogħol bix-xift irrappurtat mill-Qorti tal-Awdituri kien servizz stabbilit fid-Direttorat tar-Riżorsi Umani, tal-Finanzi u tas-Servizzi

Ġenerali, biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-binjiet u tal-okkupanti tagħhom. Huwa servizz mhux interrott 24 siegħa kuljum (rata 4) bi 17-il benefiċjarju, bħal fl-2021.

Il-KESE u l-KtR: Il-KESE u l-KtR għandhom servizz konġunt ta' xogħol bix-xift fis-seħħ biex tiġi ssodisfata l-ħtieġa ta' preżenza kontinwa fis-servizz tas-sigurtà. Il-KESE ħallas allowances lil tliet benefiċjarji (rata 1; tnejn fl-2021) u l-KtR lil erba' benefiċjarji (rata 1; l-istess bħal fl-2021).

L-SEAE: Fl-2022, l-SEAE ħallas allowances għal xogħol bix-xift lil 37 benefiċjarju (32 fl-2021) biex jagħti protezzjoni 24 siegħa kuljum lill-persunal, lill-viżitaturi, lill-binjiet u l-assi fiżiċi tal-SEAE fi Brussell, biex jiżgura l-monitoraġġ, il-valutazzjoni ta' kuljum u s-senjalazzjoni f'każ ta' eventi jew sitwazzjonijiet politikament sinifikanti fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, u biex jipprovdi servizzi għat-trażmissjoni ta' informazzjoni klassifikata lill-persunal kollu tal-SEAE, inkluż lid-Delegazzjonijiet u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Id-differenza hija dovuta għal tnaqqis ta' benefiċjarju wieħed fis-servizz li jiżgura l-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' kuljum ta' avvenimenti politikament sinifikanti, u żieda ta' sitt benefiċjarji fis-servizz għat-trażmissjoni ta' informazzjoni klassifikata, li jimlew il-pożizzjonijiet li kienu vakanti għall-bidu l-kbira tal-2021 u li jkopru responsabbiltajiet addizzjonali mill-2022. Kemm ir-rata 1 kif ukoll ir-rata 4 huma applikabbli fl-SEAE.

6. IN-NEFQA BAĠITARJA, GĦAL KULL ISTITUZZJONI U GĦAL KULL ALLOWANCE (F'EUR)

Istituzzjoni	Xogħol ta' standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Xogħol bix-xift	Total
Il-Parlament	0	0	6 373 552,80	6 373 552,80
Il-Kunsill	434 822	0	692 588	1 127 410,00
Il-Kummissjoni	1 768 721,89	456 738,14	1 794 552,57	**4 020 012,60**
- li minnhom tal-JRC:	*702 747,57*	*430 712,21*	*251 958,66*	**1 385 418,44**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	60 751,56	0	0	60 751,56
Il-Qorti tal-Awdituri	31 454,18	0	198 869,01	230 323,19
Il-KESE	8 504,49	0	9 650,04	18 154,53
Il-KtR	11 077,98	0	20 242,32	31 320,30
L-SEAE	79 127,44	0	246 219,52	325 346,96

L-Ombudsman	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	**0**
Total	**2 394 459,54**	**456 738,14**	**9 335 674,26**	**12 186 871,94**

L-ammont żborżat għat-tliet tipi ta' allowances, fl-istituzzjonijiet Ewropej kollha fl-2022 kien ta' EUR **12 186 871,94** (EUR **10 683 129,74** fl-2021).

Iż-żieda fin-nefqa totali apparagun tal-2021 hija prinċipalment dovuta għaż-żieda fin-nefqa għal allowances għal xogħol bix-xift (EUR 8 223 692,75 fl-2021), li tirriżulta minn żieda ta' benefiċjarji ta' allowances għal xogħol bix-xift fil-Parlament Ewropew (minn 627 għal 709) u fil-Kummissjoni (minn 153 għal 178).

In-nefqa għall-allowances għax-xogħol ta' standby żdiedet bi ftit ukoll (EUR 2 197 325,09 fl-2021), l-aktar minħabba ż-żieda ta' benefiċjarji ta' din l-allowance fil-Kunsill (minn 98 għal 149) u fil-Kummissjoni (minn 476 għal 528).

Barra minn hekk, peress li l-laboratorji tal-JRC reġgħu bdew jinfetħu wara l-għeluq tagħhom matul il-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, l-għadd ta' sigħat maħduma f'kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli żdied, u dan irriżulta f'żieda fin-nefqa għal din l-allowance bi kważi 75 % apparagun tal-2021 (EUR 262 111,90 fl-2021).